# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha l-1 ta' Frar, 2002**

**Numru 32**

**Avviz numru 103/01DM**

**Chef Choice Limited**

**vs**

**Emmanuel Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' erba' mija tlieta u erbghin lira maltija u tmientax il-centezmi (Lm443.18c) liema somma tirrapprezenta prezz mhux imhallas ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta' Jannar 2000 u tal-ittri ufficjali tas-16 ta' Frar u tal-15 ta' Dicembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija tlieta u erbghin lira u tmintax-il centezmi (Lm443.18c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' Ottubru 1999 id-data tal-ahhar konsenja;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va